

Brussell, 3 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13629/23

LIMITE

CLIMA 432
ENER 519
FIN 991
COMPET 936

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	12791/2/23 REV 2
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija: Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti" – Approvazzjoni

1. Fis-26 ta' Ġunju 2023, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ppubblikat ir-Rapport Speċjali Nru 18/2023 intitolat "Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija – Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti"¹.
2. Fid-19 ta' Lulju 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta struzzjonijiet lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent biex jeżamina r-rapport², f'konformità mar-regoli stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri³.
3. Id-delegazzjonijiet eżaminaw ir-rapport fil-vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent fl-20 ta' Lulju 2023 wara preżentazzjoni mir-rappreżentanti tal-Qorti tal-Awdituri tas-sejbiet ewlenin tar-rapport.

¹ ĠU C 227, 29.06.2023, p. 12.

² 11550/23.

³ 7515/00 + COR 1

4. Fil-laqgħa tiegħu fil-25 ta' Settembru 2023, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent eżamina sett ta' abbozzi ta' konklużjonijiet tal-Kunsill imħejjija mill-Presidenza⁴. Wara l-laqgħa, intlaħaq qbil fil-prinċipju abbażi ta' test rivedut⁵. It-test kif maqbul jinsab fl-Anness għal din in-nota.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jippreżenta lill-Kunsill l-abbozz ta' konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness għal din in-nota għall-approvazzjoni bħala punt "A" fl-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

⁴ 12791/1/23 REV 1.

⁵ 12791/2/23 REV 2.

**Ir-Rapport Speċjali Nru 18/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat
"Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija: Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm
indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti"**

- Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami ta' rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹:

1. JILQA' B'SODISFAZZJON ir-Rapport Speċjali Nru 18/2023 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-miri tal-UE għall-klima u għall-enerġija – Il-miri għall-2020 inkisbu, iżda ftit hemm indikazzjoni li l-azzjonijiet biex jintlaħqu l-miri għall-2030 se jkunu suffiċjenti".
2. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali, kif ukoll tat-tweġibiet għalih mill-Kummissjoni; IFAKKAR li, skont it-Trattati, il-Kummissjoni hija l-istituzzjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
3. JINNOTA li l-Kummissjoni analizzat l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-kisba tal-miri ewlenin tal-enerġija u tal-klima għall-2020 u sabet li t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra matul il-pandemija kellu impatti fuq il-kisba ġenerali ta' xi miri għall-2020; u JENFASIZZA s-sejba li, minkejja l-fatt li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra żdiedu fl-2021 mil-livell eċċezzjonalment baxx tagħhom fl-2020 minħabba l-pandemija, komplew ix-xejra 'l isfel tagħhom u baqgħu taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija; għalhekk, filwaqt li JIRRIKONOXXI l-impatt tal-pandemija, JISSOTTOLINJA l-kontribut tal-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima għall-kisba tal-mira għall-2020.

¹ 7515/00 + COR 1.

4. IQIS li l-użu tar-rappurtar disponibbli dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra biex jiġu rrapportati u vvalutati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità tal-PDG u per capita jista' jkun interessanti fil-qafas tar-rappurtar regolari tal-Kummissjoni dwar il-progress; JENFASIZZA madankollu l-ħtieġa li wieħed iżomm f' moħħu d-diffikultà li ssir distinzjoni bejn l-impatt ta' fatturi esterni u l-impatti tal-politiki fis-seħħ.
5. IFAKKAR li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew reċentement qablu dwar il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni fl-ambitu tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li ser jippermetti lill-Unjoni tilħaq il-mira tagħha ta' tnaqqis ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra domestikament sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990; u f'dan il-kuntest JENFASIZZA r-reviżjonijiet tad-Direttiva dwar l-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet tal-UE (EU ETS), tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija u tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.
6. JISSOTTOLINJA li l-possibbiltà ta' trasferiment tal-allokkazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet (AEA) skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u tippermettilhom jilhq u l-miri tal-gassijiet serra tagħhom b' mod kosteffettiv filwaqt li jippreservaw l-integrità ambjentali; IQIS li huwa xieraq li d-determinazzjoni tal-prezz tat-trasferimenti tal-AEA titħalla f'idejn l-Istati Membri; IFAKKAR li d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar it-trasparenza tat-trasferimenti tal-AEA, li saħansitra ġew imsaħħa reċentement fil-kuntest tar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi, fost oħrajn jipprevedu informazzjoni dwar il-firxa ta' prezzijiet imħallsa għal kull tranżazzjoni tal-AEA, wara l-kompilazzjoni f'sommarju mill-Kummissjoni, li għandha ssir disponibbli f'forma elettronika u jirrikjedu li l-Istati Membri jinfurmaw lill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima bl-intenzjoni tagħhom li jittrasferixxu AEAs għal sena partikolari qabel ma jsir kwalunkwe trasferiment; JINNOTA l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tittestja l-possibbiltà li l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet u l-prezzijiet tat-trasferimenti statistiċi tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn l-Istati Membri ssir disponibbli għall-pubbliku, soġġett għall-kunsens tal-Istati Membri parteċipanti.

7. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tivvaluta l-possibbiltà li tuża d-data miġbura taħt il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament fil-Fruntieri sal-2026 biex tikkontribwixxi għal fehim aħjar tal-impatt tal-kummerċ fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, bħala komplement għar-rappurtar tagħha dwar il-progress tal-UE lejn il-mira klimatika tagħha għall-2030.
8. JAQBEL li s-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport marittimu jeħtieġ li jikkontribwixxu għaż-żieda fl-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni kif ukoll għall-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi; IFAKKAR li l-EU ETS bħalissa tkopri l-avjazzjoni internazzjonali intra-Ewropea u JENFASIZZA l-emenda reċenti tad-Direttiva dwar l-ETS biex tinkludi t-trasport marittimu internazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha; JIRRIMARKA li l-kopertura futura taż-żewġ setturi hija marbuta mal-iżviluppi fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti (ICAO u IMO).
9. JENFASIZZA l-importanza tal-pjanijiet nazzjonali integrati għall-enerġija u l-klima skont ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika fil-kuntest tal-iżgurar tal-progress lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030; JINKORAĠĠIXXI kooperazzjoni tajba kontinwa bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'dak il-qafas.